**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta’ Frar, 2017

Rikors Nru : 550/16AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar it-2 ta’ Settembru 1990.
2. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla li jisimha Kimberley li twieldet fis-26 ta’ Mejju 1993 u ghalhekk illum ghandha tlieta u ghoxrin sena.
3. Illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Robert John Muscat u dan fit-13 ta’ Frar 2003 (Kopja qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A)

4. Illi l-kontendenti ddekadew mid-dritt ta' manteniment minn xulxin.
5. Illi in forza ta' tali kuntratt, l-intimat obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' €209.70c (Lm 90) fix-xahar versu l-manutenzjoni tat-tifla.
6. Illi pero` jinghad li issa dan l-obbligu spicca u m'hemm l-ebda manteniment dovut stante li dan dejjem thallas.

7. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

8. Illi ghalhekk dawn il-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat, prezenti fl-awla, iwiegeb fuq domanda tal-Qorti li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Frar 2003;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.